Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9210 — NN Group/Allianz Group/NRP/Entitajiet fil-Mira)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 451/09)

1. Fis-7 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— NN Group N.V. ("NN Group", in-Netherlands),

— Allianz SE ("Allianz Group", il-Ġermanja),

— NRP Group ("NRP", in-Norveġja),

— tmien kumpaniji tal-proprjetà u l-proprjetatjiet immobbli korrispondenti tagħhom (l-"Entitajiet fil-Mira", id-Danimarka u l-Isvezja).

NN Group, Allianz Group, u NRP jakkwsitaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-Entitajiet fil-Mira.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— NN Group: fornitur ta' servizzi finanzjarji li joffri servizzi ta' irtirar, assikurazzjoni, investimenti u prodotti bankarji,

— Allianz Group: fornitur dinji tal-servizzi finanzjarji attiv fis-segmenti kollha tas-suq relatati mal-assikurazzjoni, il-ġestjoni tal-assi u, sa ċertu punt limitat, mal-proprjetà immobbli,

— NRP: ditta tal-investiment attiva fil-provvista ta' investimenti diretti u soluzzjonijiet ta' fondi fis-setturi tal-proprjetà immobbli, it-tbaħħir u l-offshore,

— għall-Entitajiet fil-Mira: tmien kumpaniji tal-proprjetà u l-proprjetajiet immobbli korrispondenti tagħhom li jinsabu fid-Danimarka u l-Isvezja. Ħamsa mill-Entitajiet fil-Mira bħalissa huma kkontrollati unikament minn NRP u t-tliet Entitajiet fil-Mira l-oħra bħalissa huma kkontrollati b'mod konġunt minn NRP u terza persuna oħra mhux affiljata (T. Klaveness Eiendom AS għal tnejn mit-tliet Entitajiet fil-Mira, u Västerport Holding AB għat-tielet Entità fil-Mira).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9210 — NN Group / Allianz Group / NRP / Entitajiet fil-Mira

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË